**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 31 - kontinwazzjoni**

**Data:** **14 ta‘ Ottubru, 2021**

**Hin:** **09.00am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b’dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

31.1 Qari tal-ittri ta’ apologiji;

31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

31.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

31.5 Korrispondenza u Rapporti;

31.6 Korsijiet ghax-xitwa;

31.7 Attivitajiet ghat-tlett xhur li gejjin;

31.8 Xogholijiet u Progetti;

31.9 Materji ohra;

31.10 Skeda ta' Pagamenti;

31.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

Il-laqgha tkompliet bl-agenda segwenti:

31.7 Attivitajiet ghat-tlett xhur li gejjin;

31.8 Xogholijiet u Progetti;

31.9 Materji ohra;

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

31.10 Skeda ta’ Pagamenti;

31.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**Komunikat mis-Sindku**

Is-Sindku spjega li l-laqgha hija kontinwazzjoni tal-31 laqgha.

Huwa spjega li wara verifiki li saru mill-Perit jirrizulta li l-applikazzjoni PC 38/20 ghal triq gdida l-applikat talab ghal sospensjoni ta’ l-applikazzjoni. Gie innutat li r-residenti li kienu qeghdin jaghmlu l-oggezzjoni kienu qed jitolbu lir-residenti ta' l-Gharb b' mod specjali joggezzjonaw permezz ta' korrispondenza li tqassmet f'kwazi f'kull residenza tal-lokalita’, liema korrispondenza kienet tinkludi ukoll sample ta' kif wiehed ghandu jaghmel l-oggezzjoni tieghu. Is-Sindku nforma lill-membri li rcieva stedina sabiex jattendi ghal-laqgha mir-residenti li ghaliha kellu mistiedna ukoll l-kumplament tal-Kunsill. Huwa zied jghid li kien offra li jekk iridu jaghmlu tali laqgha tista’ ssir gewwa l-Kunsill peress li l-Kunsill ma jistax imur f’post iehor barra mill-Kunsill biex jiddiskuti din il-materja. Is-Sindku stieden sabiex min mill-Kunsilliera jixtieq imur jista’ jaghmel dan pero’ ma jkunx prezenti bhala Kunsillier imma ghax irid hu bhala resident.

Gew ipprezentati l-Audited Financial Statements waqt il-laqgha fejn is-Sindku spjega li dawn kienu waslu ricentament u li mir-rapport li hareg jidher li l-Kunsill hareg b’bilanc pozitiv. Il-Kunsill iddiskuta dawn l-istatements u qabel li ghandhom jigu ffirmati.

**31.7 Attivitajiet ghat-tlett xhur li gejjin;**

31.7.1 Attivitajiet li jmiss issa huma l-International Kite and Wind Festival. Is-Sindku spejga li ghada l-gimgha l-partecipanti ser ikunu qeghin jippruvaw itajru xi kites. B’kollox bhala partecipanti inkuz dawk Maltin ser ikun hemm madwar 38. Ghal din is-sena, s-Sindku ssugerixxa li tinghata tajra lit-tfal ta’ l-iskola fejn anke il-partecipanti jkunu prezenti u jilbsu t-tshirt ta’ din is-sena. Gie spjegat li gew ikkuntatjanti Dar Santa Martha sabiex jekk jixtiequ jgibu lill-persuni b’dizabilita’ li jattendu dan ic-centru biex joqghod jaraw il-kites fil-grawnd. Il-Press Conference giet ikkancellata pero’ l-Ministru kkonferma li ser jattendi ghal festival. Bhala token lill-partecipanti, s-Sindku ssugerixxa li tinxtara xi haga minghand il-Gozo Glass. Fir-rigward tal-marshalls li ser jghinu matul it-triq ser ikunu membri ta’ l-ghaqdiet lokali. Dawn ser ikunu qeghdin jiehdu hsieb ukoll il-foodstalls taghhom u ser jiehu t-temperaturi min jidhol fiz-zoni

organizzati. Gie spjegat li l-Kunsill ghandu l-permessi mehtiega mill-Awtorita' tat-Turizmu fejn f'kull zona organizzata jistghu jidhlu sa 100 persuna li mhux normali jkun hemm daqshekk. Il-membri gew infurmati li s-Sibt fit-8.30am ser

jitqassmu t-tshirts u l-persuni fil-post taghhom. Bhala kolazjon dan ser isir gewwa ic-Centru Parrokkjali u wara kulhadd jigi trasferit ghaz-zona ta' San Dimitri. Il-Kunsill qabel mal-program kif propost.

31.7.2 Attivitajiet ohra li ser isiru huma bejn l-1 u 6 ta' Novembru, l-Kunsill ser ikun qed jospita' persuna li ttir tipo hot air balloon pero' mhux bhal dik li kien hawn qabel. Gew murija anke ritratti ta' din it-tip ta' balloon. Gie spjegat li din il-persuna daret mad-dinja kollha u ghad baqa' biss ftit postijiet sabiex tghaqqad il-pajjizi kollha. Is-Sindku spjega li din tkun tista' topera skond ir-rih u jekk ikun possibli ser titlaq mill-grawnd tal-futbol sa San Dimitri. Tonio Mifsud staqsa dwar xi spejjez relatati hemm fejn is-Sindku spjega li ma kienx hemm spejjez relatati.

Fuq l-istess nota Tonio Mifsud staqsa jekk nistghu ninkludu l-gliders pero' gie spjegat li din hija xi haga ta' din il-persuna partikolari peress li din qed tipprova tikser world record.

31.7.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-bierah filghodu kien gie infurmat li l-bierah stess kienet ser tingab it-torca tal-loghob tal-Commonwealth quddiem il-monument li ghandu kemm gie inawgurat fil-leisure park. Din kienet ingabet gewwa l-Gharb propajajment peress li l-Kunsill kellu l-monument Olimpiku.

31.7.3 Bhala attivitajiet ohra gie spjegat li qed jithejja program ghall-attivitajiet tal-Milied li ser isir bejn it-8 u 13 ta' Dicembru fejn bejn dawn id-dati hemm ukoll weekend. Is-Sindku ssugerixxa li jsiru stalls peress li normalment dawn isiru minn tal-festa fejn dawn jaghmlu fund raising. Huwa ssugerixxa ukoll li l-Kunsill jisselef jew jixtri stalls ta' l-injam li fihom ikun jista' jsir bejgh ta' diversi oggetti. Huwa zied jghid li apparti dawn kien qed jissugerixxi ukoll li tingab ice skating artificjali minn barra. Huwa qal li minn komunikazzjoni li kellu ma' barra din hija possibli li tingab u li tista' ddum anke xaghrejn. Il-Kunsill pero' jrid jiddeciedi jekk tkunx fit-tond jew rettangolari. Inkluz ma' dan trid titpogga ukoll il-Christmas Tree fil-pjazza. Tkompliet id-diskussjoni mill-Kunsill fejn il-Kunsill qabel li tingab l-ice skateing arena flimkien ma' l-istalls ta' l-injam u l-Christmas Tree fil-genb hdejn is-salib tal-Pjazza.

**IFFIRMATA**

David Apap Agius

Sindku

**IFFIRMATA**

Emily Amatulli-Depasquale

Segretarju Ezekuttiv

31.7.4 Gie innotat ukoll li fi zmien il-Milied il-Kunsill ta' kull sena jinghaqad mall-parrocca u jsir party ghat-tfal tal-Milied. Minhabba l-pandemija aktar ma

joqrob iz-zmien irridu naraw jekk dan ikunx possibli. Il-Kunsill qabel li jekk ikun possibli ghandu jsir il-party u tinghata tifkira zghira lit-tfal tal-lokalita' bhas-snin precedenti. Jekk ma jkunx jista' jsir il-party, it-tfal jistghu jinghataw tifkira wara l-quddiesa ta' l-ahhar novena bhas-sena l-ohra. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li jista' jkun li l-Kunsill jigi avvicinat mill-Arcipriet sabiex bhas-sena l-ohra ssir it-tinda. Il-Kunsill qabel li f'dan il-kaz ghandha ssir it-tinda.

31.7.5 Is-Sindku spjega li fid-19 ta' Novembru kienet ser titella' l-opra. Huwa qal li ser tigi installata t-tinda t-tonda ghall-ewwel darba fil-pjazza fejn il-palk ser ikun qed jigi installat fin-nofs. Huwa zied jghid li l-udjenza tista' tidhol ghall-opra meta tipprezenta c-certifikat tal-vaccin. Jekk ikun hemm xi restrizzjonijiet ohra wiehed irid jimxi maghhom. IL-Kunsill qabel li ghandu jimxi b'dan il-mod.

31.7.6 Saret referenza ghall-monument li kien gie diskuss fl-laqghat precedenti li jirrigwardja l-brilli. Minhabba l-pandemija dan gie pospost. Is-Sindku ssugerixxa li dan ghandu jsir xi darba l-Hadd filghodu fejn tigi organizzata cerimonja flimkien mall-grupp tal-brilli u tingab ukoll ghana ghall-okkazjoni. Ovvajment dan irid jerga' jigi diskuss u wiehed irid jara r-restrizzjonijiet li jkun hemm fil-mument. Il-Kunsill qabel mas-suggeriment tas-Sindku.

**31.8 Xogholijiet u Progetti;**

31.8.1 Bhala xogholijiet kien hemm il-gnien fi Triq San Dimitri fejn il-pinnur ix-xogholijiet qeghdin f'livell avvanzat pero' mhux probabli li jkun lest ghall-inawgurazzjoni waqt il-festival. Il-Vici Sindku staqsa dwar il-lapida li kien issugerixxa dwar dawk li mietu bin-nar. Gie ikkonfermat li din il-lapida ser tehel kif diskuss. Is-Sindku ssugerixxa li l-gnien jinghata isem related mar-rih fejn huwa ssugerixxa 'Gnien Warda tal-Irjieh'. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment. Tonio Mifsud qajjem diskussjoni dwar il-lapida fejn huwa qal li fl-opinjoni tieghu din ghandha tehel f'post differenti u mhux fi gnien. Il-Kunsill rega' iddiskuta din il-materja fejn kien hemm qbil li ghandha ssir ghalija. Gie ssugerit li din issir taht il-farm li hemm fiz-zona u isir xi haga specifika tan-nar. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

31.8.2 Xogholijiet ohra li kienu ghaddejjin kienu l-bini tal-hitan tas-sejjieh f'Wied ir-

Raghab u dawk ta’ Triq ta’ Sdieri fejn huwa mahsub li t-tarmak isir illum pero’ minhabba li kien maltemp dan kellu jigi pospost ghal ghada.

**31.9 Materji ohra**

31.9.1 Saret referenza ghall-impjiegi godda li kienu dawk ta’ Animal Steward u dik tal-front desk officer that l-iskema tac-CIES. Gie spjegat li saru l-interviews u l-bord irrakomanda li fil-kaz ta’ l-Animal Steward jigi ingaggat Joe Lewis Piscopo filwaqt li fil-kaz tal-front desk operator tigi ingaggata Giuseppina Galea. Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-bord.

**31.10 Skeda ta’ Pagamenti**

31.10.1 L-iskeda tal-pagamenti gie approvata unanimament.

**31.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

31.11.1 Il-laqgha spiccat fid-9.35am.

31.11.2 Il-laqgha li jmiss ser isir nhar il-Hamis 11 ta’ Novembru fit-8.30am.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |